

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu biex **kull min hu mgħammed jikkommetti ruħu fl-evanġelizzazzjoni u jkun dispost biex jagħti sehmu f'din il-missjoni billi jkun xhieda ta' ħajja mfassla fuq il-Vanġelu**.

**Qari***: Omelija ta' Papa Franġisku fit-28 Jum Dinji taż-Żgħażagħ fil-Brażil.*

Iżda kunu attenti! Ġesù ma qalx: "jekk tridu, jekk għandkom żmien, morru", imma qal: "Morru, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha." Li naqsmu mal-oħrajn l-esperjenza tal-fidi, nagħtu xhieda tal-fidi tagħna, inħabbru l-Evanġelju, huwa l-kmand li Ġesù ħalla lill-Knisja kollha, lilek ukoll; iżda huwa kmand li ma jiġix mir-rieda li taħkem, mir-rieda tal-poter, imma mill-qawwa tal-imħabba, mill-fatt li Ġesù kien l-ewwel li ġie fostna u li ma taniex xi ħaġa tiegħu, imma tana lili nnifsu kollu kemm Hu; Hu ta ħajtu biex isalvana u jurina l-imħabba u l-ħniena ta' Alla. Ġesù ma jimxix magħna bħala lsiera, imma bħala persuni ħielsa, bħala ħbieb, bħala aħwa; u mhux biss jibgħatna, imma jimxi magħna, huwa dejjem ħdejna f'din il-missjoni ta' mħabba....... San Pawl jgħid: "Jien għamilt lili nnifsi lsir ta' kulħadd biex nirbaħ lil ħafna" (I Kor, 9, 19). Biex ixandar lil Ġesù, Pawlu sar "ilsir ta' kulħadd". Li nxandru l-Evanġelju jfisser li nagħtu xhieda b'ħajjitna stess tal-imħabba t'Alla, ifisser nirbħu l-egoiżmi tagħna, ifisser naqdu billi nitbaxxew u naħslu riġlejn ħutna bħalma għamel Ġesù.

Mulej, nirringrazzjak tal-imħabba kbira tiegħek.
Nirringrazzjak talli tajt ħajtek biex issalvana.
Mhux hekk biss, iżda int bqajt magħna.
Bgħattna nagħmlu dixxipli mill-ġnus kollha
u, kif qal il-Papa Franġisku, inti timxi magħna;
inti dejjem ħdejna f'din il-missjoni ta' mħabba.
Għinni Mulej sabiex inwieġeb mill-qalb
għall-istedina tal-Vanġelu li int qiegħed tagħmilli,
għax int, Mulej, Alla li jħobbna u jsalvana.

Għinni Mulej sabiex nikkommetti ruħi għall-evanġelizzazzjoni,
mhux bil-kliem biss iżda bil-fatti, bil-mod kif ngħix il-ġurnata,
u bil-mod kif nimxi mal-oħrajn fil-ħajja tiegħi.
Nitolbok sabiex tagħtini d-dehen ħalli nimxi fuq il-passi tiegħek,
biex nagħrfek fl-oħrajn u biex noħroġ minni nnifsi
ħa nfittex il-ġid ta' kulħadd.
Mulej, ikolli nammetti li mhux dejjem faċli
li nimxi fuq it-tagħlim tiegħek, li naħfer lil min jagħmilli d-deni,
li naqdi bla ma nistenna xejn lura,
li dejjem inpoġġi lil ħaddieħor qabli.
Iżda int, Mulej, wegħedtna li tibqa' magħna,
u għalhekk għinni sabiex għajnejja jibqgħu msammrin fuqek
biex inkun nista', bħal San Pawl, inkun ilsir ta' kulħadd.
Agħtini l-qawwa biex il-kelma tiegħek tagħtini l-forza
biex nibqa' niffoka fuq il-preżenza tiegħek fil-ħajja tiegħi
f'kull mument ta' ħajti, biex b'hekk inkun nista' ngħixha
b'imħabba, b'konvinzjoni u fuq kollox b'impenn.

**KANT**

**Qari**: *Mill-Ferħ tal Vanġelu – Evangeli Gaudium - 24*

Il-komunità li tevanġelizza tagħraf li l-Mulej hu dak li ħa l-inizjattiva; hu mexa qabilha fl-imħabba (1 Ġw 4:10), u għalhekk hi taf tmidd l-ewwel pass, taf tieħu l-inizjattiva bla ma tibża', toħroġ tiltaqa' mal-oħrajn, tfittex lil min hu mbiegħed u tasal sa salib it-toroq biex tistieden lill-imwarrbin. .......Ġesù ħasel riġlejn id-dixxipli tiegħu. Il-Mulej jinvolvi ruħu hu u jinvolvi lil dawk li huma tiegħu; jinżel għarkupptejh quddiem l-oħrajn biex jaħsilhom. Imma dritt wara hu jgħid lid-dixxipli tiegħu:"Jekk dawn il-ħwejjeġ tafuhom, henjin intom jekk tagħmluhom" (Ġw 13:17). Il-komunità li tevanġelizza, b'għemejjel u b'ġesti, tidħol fil-ħajja ta' kuljum tal-oħrajn, tqassar id-distanzi, titbaxxa sal-punt tal-umiljazzjoni jekk hemm bżonn, u tħaddan il-ħajja umana, tmiss il-ġisem ta' Kristu li jbati fil-poplu tiegħu. L-evanġelizzaturi, għalhekk, għandhom ir-"riħa tan-nagħaġ", u dawn jisimgħu leħinhom.

Mulej, fl-omelija li l-Papa Franġisku għamel liż-żgħażagħ,
huwa kien qalilhom *"Li xxandar l-Evanġelju jfisser*
*nagħtu xhieda b'ħajjitna stess tal-imħabba t'Alla,*
*ifisser nirbħu l-egoiżmi tagħna, ifisser naqdu*
*billi nitbaxxew u naħslu riġlejn ħutna bħalma għamel Ġesù.*
Ġesù ma taniex għażla, iżda qalilna:
"Jekk dawn il-ħwejjeġ tafuhom, henjin intom jekk tagħmluhom" (Ġw 13:17).
Mulej, nitolbuk sabiex nisimgħu leħnek fil-ħajja tagħna ta' kuljum,
sabiex b'hekk ikollna l-kuraġġ
biex inkunu xhieda ħajja tal-kelma tiegħek
u biex inkomplu nikbru fil-fidi u nipperseveraw
fl-għażla tagħna li npoġġu ħajjitna f'idejk għas-servizz tal-oħrajn.
Agħmel Mulej li l-kelma tiegħek tkun f'ħajjitna
bħal fanal li jagħti d-dawl f'post mudlam,
biex b'hekk inti tagħtina l-forza biex inħollu l-ktajjen
li jxekkluna u li jorbtulna l-libertà vera,
u fuq kollox li jtellfuna l-ferħ u l-paċi f'qalbna.
Għinna nisimgħu tassew il-kelma tiegħek
Biex, kif jinkuraġġina San Ġakbu fl-ittra tiegħu,
ngħarblu sewwa l-liġi perfetta tal-ħelsien.
Agħmel Mulej li nżommu sħiħa magħha,
sabiex inwettquha fil-ħajja tagħna ta' kuljum
sabiex, kif qal ibnek stess, nibnu d-dar tagħna fuq is-sod,
ħalli l-ebda tempesta ma ġġarrafha.
Qalb ta' Ġesù, agħtina l-libertà u l-ferħ f'qalbna
biex inkunu nistgħu naqsmuhom ma' kull min niltaqgħu miegħu,
biex inkunu xhieda tiegħek fil-familja,
fuq il-post tax-xogħol u kull fejn immorru.
Fuq kollox, Mulej, agħtina l-grazzja sabiex ngħixu l-fidi tagħna
b'imħabba, b'konvinzjoni u b'impenn**.**
Mulej, agħtina d-dehen biex nifhmu li l-ħbiberija sinċiera,
l-għajnuna u s-sapport li noffru lill-oħrajn, huma mezz
ta' evanġelizzazzjoni f'dinja materjalista u egoista.

Nitolbuk, Mulej, sabiex inti tgħinna ħalli nsaħħu
l-impenn tagħna lejn it-tiġdid interjuri
biex b'hekk inkunu xhieda aktar qawwija u ċara
tal-Evanġelju fid-dinja tal-lum.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbu skont l-intenzjoni ta' Papa Franġisku għal dan ix-xahar, sabiex kull min hu mgħammed jikkommetti ruħu fl-evanġelizzazzjoni u jkun dispost li jagħti sehmu f'din il-missjoni, billi jkun xhieda ta' ħajja mfassla fuq il-Vanġelu.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, agħmel li l-Kelma tiegħek tgħammar ġewwa qalbna, ħalli nkunu kapaċi naqsmuha ma' dawk kollha li niltaqgħu magħhom tul il-ħajja tagħna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, għinna sabiex inkunu lesti li noffru l-għajnuna u s-sapport tagħna lil kull min niltaqgħu miegħu, biex b'hekk inkattru l-imħabba fid-dinja u nkunu qed nimxu fuq il-passi ta' Ġesù.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu sabiex ngħożżu l-ferħ li inti tpoġġi ġo qalbna u biex inkomplu nissaħħu permezz tal-kelma tiegħek, ħalli nilqgħu l-isfidi li d-dinja moderna tpoġġi quddiemna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, sabiex inkunu kapaċi nirringrazzjawk tal-imħabba kbira tiegħek u biex inpoġġuk fiċ-ċentru ta' ħajjitna, biex b'hekk inkunu kapaċi nkunu xhieda tiegħek permezz tal-ħajja tagħna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex il-kelma tiegħek tħeġġilna qalbna u b'hekk niksbu l-ferħ u l-liberta' sħiħa u nkunu nistgħu nduru lejk u ma nibżgħux min-niket u d-diffikultajiet tal-ħajja.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, agħmel li l-Kelma tiegħek tgħammar ġewwa qalbna, ħalli nkunu kapaċi naqsmuha ma' dawk kollha li niltaqgħu magħhom tul il-ħajja tagħna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.